4 ta' Diċembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Luigi Scicluna *versus* Avv. Dr. Antonio Caruana

**Lokazzjoni — Riparazzjonijiet fil-Fond Lokatizju — Avviż lill-Lokatur — Rapport tal-Perit — Azzjoni "de in rem verso" — Sekwestru — Art. 1630 u 1632 tal-Kap. 23 — Art. 380(3) tal-Kap. 15**

*Il-liġi tagħti lill-konduttur id-dritt li jagħmel ir-riparazzjonijiet meħtieġa fil-fond lokatizju bi spejjeż tal-lokatur, meta dawn l-ispejjeż imissu jagħmilhom hu, u anki li jżomm il-kera biex jitħallas tal-ispejjeż li jagħmel; però taħt ċerti kondizzjonijiet, u f'dan tiddistingwi l-każ fejn il-mankanza jew dewmien fl-eżekuzzjoni tax-xogħol da parti tal-lokatur ma jkunux jimpurtaw lill-konduttur dannu gravi, u l-każ fejn dan in-nuqqas jew dewmien jistgħu jkunu ta' dannu gravi lill-inkwilin.*

*Fit-tieni wieħed minn dawn iż-żewġ każijiet, l-inkwilin jista' jagħmel dawn ix-xogħolijiet, anki mingħajr il-permess tal-lokatur, purkè huwa javża lill-lokatur mill-aktar fis, u jikkomunikalu rapport ta' perit dwar l-urġenza tax-xogħolijiet li jkun għamel u jaġ id-dannu li d-dewmien tal-istess riparazzjonijiet ikun jista' jnissel lilu; u fl-istess ħin il-liġi tagħti lill-lokatur id-dritt li jassumi l-kontinwazzjoni tar-riparazzjonijiet li jkunu nbdew.*

*Tant l-avviż lil sid il-kera kemm ir-rapport tal-perit, iridu t-tnejn ikunu magħmula u komunikati lill-lokatur mill-aktar fis; u mhux wara li jsir ix-xogħol, imma fil-kors tiegħu; għax inkella l-lokatur ma jkollux l-opportunità li jkomplieh huwa stess kif tagħtieh is-setgħa l-istess liġi, wara li jkun irċieva l-avviż u l-komunika tar-rapport tal-perit. Il-liġi timponi din il-proċedura speċjali biex il-konduttur jirradika d-dritt għar-rimborż ta' dawn l-ispejjeż; u jekk il-konduttur ma josservax dik il-proċedura speċjali, huwa jitlef id-dritt tar-rimborż għax*

*ikun naqas li josserva l-liġi. U lanqas jista' jinvoka dak ir-rimborż bis-saħħa tal-prinċipju ekwitattiv li huwa l-bażi tal-azzjoni "de in rem verso".*

*Is-sekwestratarju jista' jgħaddi għad-depożitu ta' dak li jkollu f'idejh ta' pertinenza tas-sekwestrat; molto pjù jekk jirċievi intima mis-sekwestrant biex jagħmel dak id-depożitu; u dak id-depożitu jiswa bħal pagament. Is-sekwestrat, ukoll, ma jistgħax idur fuq is-sekwestratarju għax id-depożiti minnu magħmula ppreġudikawh; għax is-sekwestratarju ma jistgħax jarbitra jekk is-sekwestru kienx validu jew le; u jekk dan kien invalidu, is-sekwestrat jista' se maj ifittex lis-sekwestrant, u mhux lis-sekwestratarju.*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attur, premessi d-dikjarazzjoniet necessarji u mogħtija dawk il-provvedimenti kollha li għalihom ikun hemm lok, peress illi l-instanti jikri minn għand il-konvenut it-terran numru 6 ta' St. Catherine's Street, iż-Żejtun, li għandu bieb għal din it-trieq u bieb ieħor numru 9 fuq Gwiedi Street; u peress illi l-bieb tal-injam li jagħti għal din l-aħħar trieq kien imgħerri, u l-instanti kien ilu javża lill-konvenut ibiddlu a spejjeż ta' dan; u li l-istess konvenut kien dejjem jilluzinga l-instanti li għandu jagħmlu; u peress illi ftit ilu dan il-bieb spicca għal kollox u ġie mitfugħ ġewwa bil-lejl minn nies skonoxxuti, u l-instanti u l-familja tiegħu sfaw barra, mingħajr tiskir fil-paru ta' wara tad-dar; u peress illi l-konvenut meta ġie avżat, irrifjuta li jissostitwieħ b'ieħor; u billi din is-sostituzzjoni kienet ta' natura urġenti, u għalhekk il-instanti, billi ma setgħax jistenna u joqgħod fl-istess ħin bid-dar miftuħa, kellu jordna bieb ieħor huwa stess li tlesta fi żmien qasir, u li għalieħ nefaq is-somma ta' £20, skond riċevuta annessa (dok. A); u peress illi l-konvenut, meta ġie ftit wara avżat bix-xogħol u nterpellat biex iħallas din l-ispiża, u dan b'ittra uffiċjali tal-14 ta' Novembru 1955 (dok. B), ma ċċaqlaq xejn, non ostante li kellu wkoll relazzjoni ta' perit dwar l-urġenza tax-xogħol (dok. C); talab (1) li l-istess konvenut, previja d-dikjarazzjoni tal-urġenza tax-xogħol jew riparazzjonijiet, jiġi kundannat, bħala lokatur,

iħallas lill-instanti s-somma fuq imsemmija ta' £20, jew kwalunkwe *somma oħra verjuri, akbar jew iżgħar, bħala* kost tal-bieb ġdid li sar biex l-instanti jista' jkollu daru magħluqa u protetta; u dan anki in vista tal-fatt illi din il-kirja kienet ġiet regolata mill-Board tal-Kera, li kien stabbilixxa, oltre il-"fair rent", anki l-kondizzjonijiet tal-lokazzjoni, fosthom illi l-ispejjeż tar-riparazzjonijiet ta' natura straordinarja u dawk esterni għandhom ikunu għak-karigu tal-lokatur, billi jiġi dikjarat, għall-bżonn, illi din hija riparazzjoni ta' din in-natura, u li fi kwalunkwe każ hemm ukoll il-"*versio in rem*" a favur tal-konvenut, u li għalhekk huwa wkoll tenut iħallas; (2) u billi l-konvenut, meta l-instanti fit-12 ta' Ottubru 1955 bagħat iħallas il-kera għat-trimestru mis-7 ta' Settembru sas-6 ta' Diċembru 1955, għall-ewwel irrifjuta li jagħmillu riċevuta, u mbgħad, wara ħafna nsistenzi mill-instanti għal din l-irċevuta, irrilaxxjalu riċevuta ħażina u mhix konformi għall-verità, u ddikjara fl-istess riċevuta (kontra r-realtà, għax il-ħlas sar fis-sena 1955, u mhux fis-sena 1954 kif kiteb il-konvenut) illi dan kien pagament akkont ta' kera skadut (dok. D), kera li fil-fatt l-instanti kien iddepożita l-Qorti bħala sekwestratarju, kif jidher mill-annessi kopji taċ-ċedoli (dok. E, F, G, H), l-istess konvenut jiġi kundannat jirrilaxxja, fi żmien qasir, riċevuta eżatta tat-trimestru fuq imsemmi kif imħallas fit-12 ta' Ottubru 1955, u li din l-irċevuta tkun tkopri unikament it-trimestru mis-7 ta' Settembru 1955 sas-6 ta' Diċembru 1955, u li għall-bżonn tiġi f'dan is-sens korretta l-irċevuta għal kollox erronea fuq rilaxxjata mill-konvenut. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta' Novembru 1955 u tar-relazzjoni peritali, li swiet £1.11.0, u li ġiet imħallsa mill-instanti (dok. I), u bl-imgħax legali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-attijiet tal-kawża jirriżulta li l-attur kien inkwilin tal-post li jinsab iż-Żejtun numru 6 St. Catherine's Street,

u li għandu ġardinetta annessa miegħu li għandha bieb fuq Ġwiedi Street no. 9, minn qabel ma l-konvenut akkwistah permezz ta' rkupru għall-ħabta tal-annu 1954, milli jidher fix-xahar ta' Lulju, fil-bidu tiegħu, jew ftit qabel;

Fis-26 ta' Lulju 1954 ċertu Giuseppe Fenech għamel sekwestru kontra l-konvenut f'idejn l-attur; u dan, wara li fis-7 ta' Settembru 1954 kien, non ostante s-sekwestru, ħallas lill-konvenut it-trimestru tas-7 ta' Settembru sas-6 ta' Diċembru 1954, mar għand il-konvenut, u dan fit-12 ta' Settembru 1954 irritornalu l-flus tat-trimestru fuq imsemmi lura, u l-attur qabad u ddepożita dawk l-istess flus quddiem il-Qorti li kienet ħarġet dak l-istess mandat, biċ-ċedola numru 17 tal-15 ta' Settembru 1954. L-istess ħaġa għamel għat-trimestri mis-7 ta' Diċembru 1954 sas-6 ta' Marzu 1955 (ċedola 48 tal-15.12.54), mis-7 ta' Marzu 1955 sas-6 ta' Ġunju 1955 (ċedola 58 tal-15 ta' Marzu 1955), mis-7 ta' Ġunju sas-6 ta' Settembru 1955 (ċedola numru 13 tas-7 ta' Ġunju 1955) dokti. fol. 13-18; u dan wara li kien ġie mill-istess sekwestrant interpellat għad-depożiti bl-ittra uffiċjali tal-10 ta' Settembru 1954;

Fit-12 ta' Ottubru 1955, l-attur bagħat l-ibnu għand il-konvenut biex iħallas it-trimestru mis-7 ta' Settembru 1955 sas-6 ta' Diċembru 1955, u l-istess konvenut erroneament għamillu l-irċevuta li tinsab fil-fol. 12 tergo tal-proċess bid-data tat-12 ta' Ottubru 1954 (recte kellha tkun 1955), u nsista li jagħmilielu li l-pagament kien qiegħed isir "a conto" mis-7 ta' Settembru 1954, meta l-konvenut kien jaf tajjeb li għal dak il-perijodu l-attur kien għamel id-depożitu ġudizzjali biċ-ċedola numru 17 tal-15 ta' Settembru 1954, li ġiet lilu debitament notifikata (fol. 13 tergo), u meta kien jaf ukoll li anki l-perijodi sussegwenti kienu ġew ukoll mill-attur depożitati fuq intimazzjoni tas-sekwestrant, kif jidher mill-istess ċedoli l-oħra li hemm in kopja eżibiti. Fil-5 ta' Novembru 1955 il-mandat ta' sekwestru ġie revokat, u l-attur irċieva kontromandat;

Jirriżulta wkoll li bejn il-lejl tat-12 u t-13 ta' Ottubru 1955 (u mhux 1956 kif erroneament iddepona l-konvenut), persuna jew persuni mhux magħrufa farrku l-bieb numru 9 Gwiedi Street, Żejtun (ara estratt u kopja tal-okkorrenzi tal-Pulizija fol. 40 tal-proċess); minn liema estratt tal-ktieb tal-okkorrenzi jidher ukoll li l-attur, li kien għamel ir-rapport, iddikjara li ma kellux ebda suspetti dwar min kien ikkaġuna dik l-istess ħsara. Fuq dan il-bieb tal-ġardina li jagħti għal barra t-triq (l-għaliex il-kommunikazzjoni tal-ġardina mad-dar kellha bieb ieħor), li jikkonċerni l-ewwel talba, jirriżulta mill-istess konvenut li huwa kellu bżonn ta' riparazzjonijiet ħfief qabel ma ġie mġarraf, u li tant l-attur kemm-il darba kienu talbu lill-konvenut biex jaħseb fih. Hawn għandu jingħad li l-konvenut fid-depożizzjoni tiegħu semma li f'Marzu tal-annu 1956 kien mar personalment, fuq reklam tal-attur, biex jarah u jeżamina l-kondizzjoni tiegħu, imma evidentement il-konvenut ħa żball fis-sena; l-għaliex il-kawża saret fil-5 ta' Diċembru 1955, meta kien hemm diġà l-bieb li l-lum l-ispiża tiegħu qegħedha tiġi reklamata, u kwindi fis-sena 1956 il-bieb ta' qabel ma kienx jeżisti; u l-għaliex mid-dokument fol. 5 u 8, li jġibu rispettivament id-dati 26/10/55 (ir-riċevuta tal-bieb reklamat il-lum) u 12/11/55 (rapport tal-Perit Mercieca) jidher ċar l-iżball tal-konvenut. Anzi l-konvenut fid-depożizzjoni tiegħu, fejn qal...... Jirriżulta wkoll li l-attur milli jidher, mħabba d-dannu li kien jirriżultalu jekk joqgħod bla bieb, ordna flok il-bieb tal-injam bieb tal-ħadid, li kien lest żgur sas-26 ta' Diċembru 1955 (ara dok. fol. 5), u fit-12 ta' Novembru 1955 ottjena d-dikjarazzjoni tal-Perit Paul Mercieca (fol. 8) dwar l-urġenza ta' bieb ieħor; liema dikjarazzjoni huwa ġieb a konjizzjoni tal-konvenut bl-ittra uffiċjali tal-14 ta' Novembru 1955 (notifikata lill-konvenut fl-istess jum), fejn ukoll interpellah biex iħallas il-valur tal-bieb li kien għamel, irreklama l-interessi legali fuq l-istess valur billi qiegħed in mora lill-konvenut, interpellah għall-ispejjeż tar-relazzjoni peritali, u talbu riċevuta tal-aħħar trimestru li huwa allega li l-konvenut irrifjuta li ried jagħtieh; u dan fit-terminu ta' erbgħa tijiem. Fuq din l-interpellazzjoni l-konvenut baqa'

passiv, l-għaliex ma qalx li ħa xi passi; u minn hekk ġiet il-quddiem il-kawża preżenti;

Ikkunsidrat;

Illi, wara li ġew relatati l-fattijiet a bażi tal-kawża, jingħad, dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' ċarezza tal-kawżali dwar l-ewwel talba, illi mill-att taċ-ċitazzjoni jidher li l-attur qiegħed jibbaża l-eċċezzjoni tiegħu fuq kawżali prinċipali, li hija r-rimborż tal-valur ta' bieb li huwa kellu jagħmel a spejjeż tiegħu minħabba l-urġenza tax-xogħol, li minngħajru huwa kien jinsab mhux protett u segregat fid-dar lilu lokata, spiża dovuta mill-konvenut skond il-liġi; fit-tieni lok, l-għaliex il-kirja kienet ġiet regolata mill-Board tal-Kera, li oltre l-"fair rent" kienet stabbiliet il-kondizzjonijiet tal-kirja fis-sens li r-riparazzjonijiet ta' natura straordinarja u dawk esterni kellhom ikunu a karigu tal-lokatur; u fl-aħħarnett, in kwalunkwe każ, minħabba l-versjoni utili a favur tal-konvenut, li bl-"actio de in rem verso" huwa tenut iħallas:

Ikkunsidrat;

Illi, kwindi, minn dan li ntqal jidher li l-eċċezzjoni mhix sostenibbli, għalkemm jingħad li, jekk verament il-kiria ġietx jew le regolata mill-Board tal-Kera, ma tidherx li ġiet bl-ebda mod imsemmija u aċċennata mill-provi fil-kors tal-kawża. Del resto, però, illi s-sostituzzjoni ta' bieb li jagħti għat-trieq ta' fond lokat hija spiża straordinarja dovuta għall-lokatur, fin-nuqqas ta' prova li l-ħsara tkun saret mill- jew dovuta għall-konduttur, hija ħaġa elementari; kif ukoll huwa ċar li l-fatt li adjaċenzi ta' dar jew dar li jinstabu bla bieb hija spiża li titnissel mill-obligu tal-lokatur, li għandu, skond il-liġi, jimmantjeni l-ħaġa lokata b'mod li l-konduttur ikun jista' jgawdiha, b'mod li jkun żgur fil-persuna tiegħu u dwar l-effetti li jkunu ta' proprjetà tiegħu: salv dak li sejjer jingħad aktar tard dwar id-dritt għar-rifużjoni tal-ispiża, jew aħjar meritu tal-kawża;

Illi kwindi, l-ewwel eċċezzjoni, li timporta l-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju, ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur;

Ikkunsidrat;

Illi, dwar il-meritu tal-ewwel talba, jingħad li l-liġi ċivili, dwar ir-riparazzjonijiet li għalihom sid il-kera huwa tenut u jista' jagħmilhom il-konduttur, titkellem taħt l-artikoli 1630 u 1632. Fiż-żewġ artikoli ċitati, li jirriflettu t-tradizzjoni antika ta' dan il-pajjiż, hemm imniżżla l-kondizzjonijiet partikulari u diversi li taħthom il-konduttur jista' jagħmel dawk l-istess riparazzjonijiet; bid-diferenza li taħt l-ewwel wieħed huma kunsidrati r-riparazzjonijiet li għalihom il-lokatur huwa obligat skond il-liġi, imma li l-mankanza tagħhom jew ir-ritard tagħhom ma tkunx tarreka lill-konduttur dannu gravi, u t-tieni wieħed jikkontempla r-riparazzjonijiet li *n-nuqqas li jsiru jew id-dewmien tagħhom* biex isiru jkun jista' jarreka dannu gravi lill-konduttur. Huwa ożjuż li din il-Qorti titkellem fuq l-art. 1630 tal-Kodiċi Ċivili; l-għaliex l-attur mhux qiegħed jibbaża l-att taċ-ċitazzjoni tiegħu fuq dak l-istess artikolu, imma primjerament fuq l-art. 1632 tal-istess Kodiċi fuq imsemmi;

Illi skond l-art. 1632 Kap. 23, il-konduttur jista' jagħmel mingħajr ebda proċedura ġudizzjarja, a spejjeż tal-lokatur, dawk ir-riparazzjonijiet li fuq ġa ssemmew, u jista' wkoll f'din l-ipotesi jżomm il-kera skadut jew li għandu jiskadi sabiex jirrimborża ruħu mill-ispejjeż li jkun għamel, salvi d-drittijiet tiegħu għas-somma maġġuri f'każ li l-ispejjeż jeċċedu l-fitti; imma l-istess konduttur, li jagħżel din id-dispożizzjoni, ikun tenut (1) mill-aktar fis javża lill-lokatur, (2) u jikkomunikalhu rapport ta' perit dwar l-urġenza tar-riparazzjonijiet li jkun għamel u fuq id-dannu li d-dewmien ta' l-istess riparazzjonijiet jkun jista' jnissel minnu. Fl-istess ħin, *il-liġi tagħti d-dritt lill-lokatur li jassumi l-kontinwazzjoni* tar-riparazzjonijiet li jkunu ġa nbdew;

Illi, milli jidher, tant l-avviż li għandu jsir lill-lokatur tad-dannu, kemm ukoll il-komunika tar-rapport tal-perit fuq imsemmi, iridu jkunu t-tnejn magħmula mill-aktar fis ("as soon as possible"); l-għaliex iż-żewġ dmirijiet imposti huma marbuta flimkien bil-konġuntiva "and" u "u". Kif ukoll jidher li, għalkemm ix-xogħol jista' jiġi mibdi mill-konduttur, eppure dak l-avviż u dik il-komunika jridu jsiru mhux wara li jsir ix-xogħol, imma fil-kors tiegħu, l-għaliex inklelè l-lokatur ma jkollux l-opportunità li jkomplieħ huwa stess kif tagħtieħ is-setgħa l-istess liġi, wara li jkun irċieva *l-avviż u l-komunika tar-rapport tal-perizja*;

Ikkunsidrat;

Illi, milli jidher ukoll mill-ġurisprudenza prevalenti lokali, id-dispożizzjoni fuq ċitata (u anki dik tal-art. 1630 Kap. 23), *bħala li hija tiddisponi u tippreskrivi* proċedura speċjali, sabiex il-konduttur li jagħmel riparazzjonijiet neċessarji kif ukoll ta' natura urgenti, dovuti minn sid il-post, ikun jista' jirradika d-dritt tar-rimborż tagħhom, ġiet interpretata fis-sens assolut li jimporta li, jekk l-istess proċedura ma tkunx ġiet segwita, il-konduttur jitlef id-dritt tal-istess rimborż; salv, meta jkun il-każ, dak li hemm maħsub fl-art. 1653 tal-Kodiċi Ċivili (ara Appell 16 ta' Diċembru 1944 in re "Antonio Buttigieg vs. Nobbli Ignazio dei Conti Stagno Navarra", Vol. XXXIII-I-108; Appell 13 ta' Novembhu 1950 "Joseph Scerri vs. Carmelo Zammit Gauci", Vol. XXXIV-I-273; Appell 16 ta' Diċembru 1949, in re "Bugeja vs. Attard" (inedita); kontra P.A. Ċivili 21 ta' April 1950 in re "Joseph Camilleri vs. Mary Zammit et.", Vol. XXXIV-II-545). Jingħad ukoll li l-ewwel sentenza fuq ċitata, fl-argumentazzjoni tagħha rriteniet li minħabba l-proċedura speċjali preskritta mill-leġislatur tagħna fl-artikoli msemmija, hija inkorretta t-teżi li jekk jiġi negat id-dritt tar-rimborż wieħed ikun qiegħed imur kontra l-prinċipju tal-ekwità li jinsab a bażi tal-"actio de in rem verso" u kontra l-prinċipju li "neminem aequum est cum alterius damno locupletari". Infatti, dik is-sentenza argumentat li, ladarba l-

liġi ppreskriviet din il-proċedura (li dwarha qegħedin nitkelmu u ġa tkellimna), u min kien imissu osservaha naqas minn dik l-osservanza, huwa, in konsegwenza, ma jistgħax jinvoka ebda prinċipju biex jevadi l-liġi, u "imputet sibi" jekk huwa minn dak in-nuqqas sejjer isofri;

Ikkunsidrat;

Illi in vistà ta' din il-ġurisprudenza tal-Qorti Superjuri tal-pajjiż, hemm bżonn li jiġi ndagat jekk fil-fatt l-attur osservax dak li hemm imniżżel fl-art. 1632 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-attur, per mezz ta' martu, avża lill-konvenut biddannu li kien ġara l-għada stess li ġara, huwa fatt ammess mill-konvenut stess, li qal ukoll li kien ilu jgħidlu biex jeżamina l-kondizzjoni tal-bieb in kwistjoni minn Marzu tal-1955. Il-liġi ma tgħidx kif għandu jsir dan l-avviż; u għalkemm kien ikun aħjar kieku jsir bil-miktub jew uffiċjalment, biex jiġu evitati kwistjonijiet, fil-każ in diżamina ma jirriżultax fi hemm kwistjoni fuq hekk. Li l-attur ikkomunika r-rapport tal-perit dwar l-urġenza tar-riparazzjonijiet u fuq id-dannu li d-dewmien li jiġu magħmula seta' jirriżulta, liema komunikazzjoni tista' ssir bi kwalunkwe mod, l-għaliex il-liġi ma timponix mod speċjali, ma jidherx li saret kif trid il-liġi, mill-aktar fis u fil-kors tax-xogħol; l-għaliex, mentri l-fatt ġara ..... Minn dan' jitnissel li, meta saret ir-relazzjoni peritali, il-bieb sostitwit kien diġà lest, u b'dak il-mod l-attur ġie ippriva lill-konvenut mis-setgħa li kienet tagħtieh il-liġi li jieħu ħsieb huwa dwar kif kellu jsir u jitkompla x-xogħol ġa mibdi, bil-mod l-aktar vantaġġjuż għalieh u bil-mod l-aktar ekonomiku;

Illi kwindi, skond il-ġurisprudenza kif fuq ċitata, peress li r-rapport tal-perit impost mill-liġi jaffetta sostanza tad-dritt tar-rimborż, u l-attur għamel u kkomunika dak ir-rapport wara li kien tlesta dak ix-xogħol, huwa tilef iddritt tar-rimobrż tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi, dejjem skond il-ġurisprudenza fuq ċitata, l-attur lanqas jista' jirreklama l-prezz ta' dak il-bieb, jew il-valur ta' bieb tal-injam f'loku, fuq il-bażi tal-utili versjoni; l-għaliex, kif fuq intqal, darba li l-liġi ppreskriviet dik il-proċedura speċjali, li huwa ma osservax, huwa ma jistgħax jinvoka l-prinċipju ekwitattiv a bażi tal-"actio de in rem verso" biex jevadi l-liġi tassattiva;

Ikkunsidrat;

Illi, dwar il-meritu tat-tieni talba, jingħad li huwa fatt li, meta l-attur ġie biex iħallas fit-12 ta' Ottubru 1955 it-trimestru mis-7 ta' Settembru sas-6 ta' Diċembru 1955, il-konvenut għamillu r-riċevuta li tinsab fil-fol. 12 tergo. Dik ir-riċevuta hija erroneament datata 12 ta' Ottubru 1954; u meta l-attur interpellah bl-ittra uffiċjali tal-14 ta' Novembru 1955, kien imissu mill-ewwel aderixxa biex jikkoreġi dik id-data. Imma l-istess riċevuta kienet tikkontjeni materja in kontestazzjoni oħra, l-għaliex il-konvenut, bil-fehma li jinjora d-depożiti kollha li kien għamel l-attur fuq interpellazzjoni tas-sekwestrant Giuseppe Fenech, niżżel virtwalment li kien qiegħed jirċievi l-flus imħallsa f'dik l-irċevuta għall-perijodu mis-7 ta' Settembru sas-6 ta' Diċembru 1954, liema kera kien diġà ġie depożitat mill-attur, u qal li kien qiegħed jirċievi dak l-ammont li ġie mħallas "a conto", u baqa' jippersisti f'dan l-aġir tiegħu non ostante l-interpellazzjoni uffiċjali tal-14 ta' Novembru 1955. Anzi fix-xhieda tiegħu qal li għamel hekk "di proposito", l-għaliex kellu jieħu trimestru ta' meta ħa l-post (fol. 65). Jingħad, però, li l-konvenut ma kienx ġustifikat jagħmel dak li għamel: l-għaliex is-sekwestratarju, skond l-art. 380(3) tal-Kap. 15, jista' bi dritt jgħaddi għad-depożitu ta' dak li jiġi sekwestrat f'idejh; u barra minn dan, fl-10 ta' Novembru 1955 huwa kien irċieva minn għand is-sekwestrant att uffiċjali biex jagħmel id-depożitu, kif fil-fatt għamel, u għamel sewwa; u dak id-depożitu jagħmel ċertament f'lok il-pagament. Jekk huwa minnu li l-konvenut, meta saritlu r-rivendizzjoni

tal-post mir-rettrattarju, kellu jiehu ta' xi kera, u hekk kien għażel li jagħmel, kien imissu raha ma' min irrivendielu l-post, ċjoè Angelo Grima, li fit-30 ta' Ġunju 1954 irċieva minn għand l-attur it-trimestru mis-7 ta' Ġunju sas-6 ta' Settembru 1954 (ara fol. 11 tergo). Il-pretensjoni tal-konvenut, li huwa kien jippreġudika ruħu kieku ma niżżelx fl-irċevuta l-kliem "a conto", hija bla bażi; l-għaliex id-depożiti tal-kera ta' qabel jirrappreżentaw fil-konfront tal-attur u konvenut pagament. Il-vera raġuni kienet li l-konvenut, li kien qiegħed jitlob id-dikjarazzjoni tal-invalidità tas-sekwestru magħmul minn Fenech kontra tiegħu f'idejn l-attur, kien qiegħed jippretendi li l-istess attur ma kellux jiddepożita, u ried għalhekk jinjora dawk l-istess depożiti, kif jidher mill-kawża li huwa għamel quddiem il-Qorti Ċivili tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-ħlas tal-kera li kien depożitat, u li fil-fatt tilef. L-attur ma setgħax qatt jarbitra dwar jekk dak is-sekwestru kienx validu jew le; u jekk il-konvenut sofra xi dannu, kif mhux dubitat li sofra, se maj kellu d-dritt jirrivolġi ruħu kontra Fenech, ladarba ġie dikjarat invalidu s-sekwestru in parola;

Illi kwindi l-konvenut għandu jikkoreġi l-irċevuta msemmija tal-flus imħallsa mill-attur fit-12 ta' Ottubru 1955, fis-sens li l-attur ħallas il-kera tal-post imsemmi mis-7 ta' Settembru sas-6 ta' Diċembru 1955, fiż-żmien li sejra tiprefiġġilu l-Qorti; u fil-każ li l-konvenut ma jagħmelx dik il-korrezzjoni personalment, jew jirrilaxxja riċevuta oħra f'lokha fis-sens premess wara li jħassar ir-riċevuta fil-fol. 12 tergo, tiddikjara li r-riċevuta fuq imsemmija hija żbaljata dwar il-data, li għandha tkun dik tat-12 ta' Ottubru 1955, u li l-istess għandha tkopri l-perijodu fuq imsemmi; u l-Qorti sejra tipprovdi li jsir fuqha notament mir-Reġistratur ta' din il-Qorti wara li jgħaddi t-terminu li sejjer jiġi mpost; u f'dan is-sens tilqa' t-tieni talba;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Taqta' u tiddeċidi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni konvenuta dwar in-nuqqas ta' ċarezza tal-kawżali tal-ewwel talba, a spejjeż tal-konvenut, billi tiċħad l-ewwel talba attriċi u l-imgħax mitluba dwarha, bl-ispejjeż, kompriżi dawk tar-relazzjoni peritali, ta' din it-talba għall-attur; u tilqa' t-tieni talba fis-sens premess, b'dan li ż-żmien biex il-konvenut jirrilaxxja riċevuta ġdida jew jikkoreġi quddiem ir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati dik "in atti", ikun ta' erbgħa tijiem; u fin-nuqqas li l-konvenut hekk jagħmel fit-terminu prefiss, tordna lill-istess Reġistratur ta' dawn il-Qrati jagħmel id-dikjarazzjoni fuq imsemmija fil-librett u paġina fol. 12 tergo taħt l-istess riċevuta, wara li tiddikjara dwar dik l-irċevuta dak li fuq intqal, bl-ispejjeż kollha ta' din it-talba għall-konvenut.